2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta'	

residenza jew viża.

Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom permess ta' residenza jew viża li tkun skadiet, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.

3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.

4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti f'dawn li ġejjin:

(a) l-Istat Membru msemmi fil-paragrafi 1 u 2 sakemm jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u, fejn applikabbli, tiġi implimentata l-proċedura ta' trasferiment;

(b) l-Istat Membru responsabbli;

(c) l-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara trasferiment skont l-Artikolu 57(9).

5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment tiġi nnotifikata lill-applikant skont l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 57(8), l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 1224
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul***, li għandu jiddetermina l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stipulati f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1225
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul ***jew fl-Istat Membru li fih dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikun legalment preżenti***.

Or. en

Emenda 1226
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***tal-ewwel dħul***.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***li fih dak iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew dik il-persuna mingħajr Stat tkun preżenti***.

Or. en

Emenda 1227
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni ***għall-protezzjoni internazzjonali***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha***, wara li tkun daħlet legalment fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni,*** tagħmel applikazzjoni ***għall-ażil***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.

Or. en

Emenda 1228
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha

tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.	tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul ***jew għandha tiġi rrifjutata awtomatikament***.

Or. en

Emenda 1229
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***tal-ewwel dħul***.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***fejn tkun preżenti fil-mument tal-applikazzjoni***.

Or. en

Emenda 1230
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***tal-ewwel dħul***.	1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***li fih tkun preżenti***.

Or. it

Emenda 1231
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr*** Stat ***tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat*** Membru ***li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża***.	2. ***Kull*** Stat Membru ***jista' jiddetermina r-regoli li jappartjenu għall-migranti irregolari u/jew għall-applikanti għall-ażil kif iqis li jkun xieraq***.

Or. en

Emenda 1232
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża ***sakemm ma jkunx hemm riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali għall-applikant***.

Or. en

Emenda 1233
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża ***jew f'pajjiż terz sieħeb***.

Or. en

Emenda 1234
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.	2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, ***jew tkun legalment preżenti mod ieħor,*** l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża ***jew li fih tkun legalment preżenti***.

Or. en

Emenda 1235
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr	2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr

Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza ***validu*** jew viża ***valida***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.	Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza jew viża***, validi jew li jkunu skadew***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.

Or. en

Emenda 1236
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***B'deroga mill-paragrafu 1,*** fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza ***validu*** jew viża ***valida***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża***.	2. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***li beħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*** tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza jew viża ***li jkunu skadew***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***fejn tkun preżenti***.

Or. en

Emenda 1237
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom permess ta' residenza jew viża li tkun skadiet, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1238
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom permess ta' residenza jew viża li tkun skadiet, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.	Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat***, skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom permess ta' residenza jew viża li tkun skadiet, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.

Or. en

Emenda 1239
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ċittadin ta' pajjiż terz ***jew persuna mingħajr Stat*** li ***bi ħsiebhom jagħmlu*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***jkollhom*** permess ta' residenza jew viża li ***tkun skadiet***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***fejn ikunu preżenti***.	Fejn ċittadin ta' pajjiż terz li ***beħsiebu jagħmel*** applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***jkollu*** permess ta' residenza jew viża li ***tkun skadiet fl-aħħar sentejn u 6 xhur rispettivament***, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru ***li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew il-viża***.

Or. en

Emenda 1240
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkunu fil-pussess ta' permess ta' residenza jew viża li jkunu skadew, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn tkun preżenti.	***Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 19(4),*** fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkunu fil-pussess ta' permess ta' residenza jew viża li jkunu skadew, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn tkun preżenti.

Or. en

Emenda 1241
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza. ***L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jistgħu, f'konformità mad-dritt nazzjonali, jimponu obbligi addizzjonali fuq l-applikanti li ma jikkooperawx bis-sħiħ matul il-proċedura ta' eżami sabiex jiġu pprevenuti***

movimenti mhux awtorizzati. Dawn l-obbligi jistgħu jkunu l-ilbies ta' brazzuletta elettronika jew it-talba li jiġi ffirmat reġistru fil-post tal-pulizija lokali fuq bażi ta' kuljum.

Or. en

Emenda 1242
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti ***għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli***. ***Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.***	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti ***għall-ipproċessar tal-applikazzjoni tiegħu***.

Or. en

Emenda 1243
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti ***tista'*** tistabbilixxi ***limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1)*** għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti ***għandha*** tistabbilixxi ***skadenza raġonevoli*** għas-sottomissjoni ta' tali evidenza ***filwaqt li tqis iċ-ċirkostanzi tal-każ individwali u għandha tinforma lill-applikant b'dan***. ***Għandu jkun possibbli li tiġi sottomessa evidenza addizzjonali wara li tintbagħat it-talba għal teħid ta' responsabbiltà.***

Or. en

Emenda 1244
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-

awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.	awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza. ***L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ fir-reġistrazzjoni tad-data bijometrika tiegħu.***

Or. en

Emenda 1245
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera ***bis-sħiħ*** mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta ***mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u*** l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. ***Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti*** evidenza ***biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza***.	3. L-applikant għandu jikkoopera mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta***, qabel ma l-awtorità kompetenti tieħu deċiżjoni dwar l-Istat Membru responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament,*** l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. ***Għandu jkun possibbli li tiġi sottomessa*** evidenza ***addizzjonali wara li tintbagħat it-talba għal teħid ta' responsabbiltà. Għandhom jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ individwali***.

Or. en

Emenda 1246
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien ***raġonevoli u ġustifikabbli*** fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.

Or. en

Emenda 1247
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta ***mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat*** Membru responsabbli. ***Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta,*** l-awtorità kompetenti ***tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza***.	3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta ***informazzjoni sabiex jiġi ddeterminat l-Istat*** Membru responsabbli ***mill-aktar fis possibbli u, ħlief għall-applikazzjoni tal-kriterji dwar minorenni mhux akkumpanjati u membri tal-familja, sa mhux aktar tard minn qabel ma*** l-awtorità kompetenti ***tkun ħadet deċiżjoni dwar l-Istat Membri responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1248
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti f'dawn li ġejjin:	***imħassar***
(a) l-Istat Membru msemmi fil-paragrafi 1 u 2 sakemm jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u, fejn applikabbli, tiġi implimentata l-proċedura ta' trasferiment;	
(b) l-Istat Membru responsabbli;	
(c) l-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara trasferiment skont l-Artikolu 57(9).	

Or. en

Emenda 1249
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti f'dawn li ġejjin:	4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti ***u li jibqa' disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti*** f'dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1250

Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-applikant għandu jkun ***meħtieġ li jkun*** preżenti f'dawn li ġejjin:	4. L-applikant għandu jkun preżenti f'dawn li ġejjin:

Or. en

Emenda 1251
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) l-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara trasferiment skont l-Artikolu 57(9).	***imħassar***

Or. en

Emenda 1252
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment tiġi nnotifikata lill-applikant skont l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 57(8), l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.	5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment ***tkun finali u*** tiġi nnotifikata lill-applikant skont l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 57(8), l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni. ***L-applikant għandu jkollu d-dritt li jikkontesta d-deċiżjoni ta' trasferiment u jibbenefika minn assistenza legali mingħajr ħlas f'konformità mad-dritt għal rimedju effettiv minqux fl-Artikolu 47 tal-Karta.***

Or. en

Emenda 1253
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 9 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment ***tiġi nnotifikata lill-applikant skont l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 57(8)***, l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.	5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment ***tkun saret finali***, l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.

Or. en

Emenda 1254
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 10	***imħassar***
Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità	
1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX	

[ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 1255
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità	Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità ***għall-applikant***

Or. en

Emenda 1256
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-applikant*** ma għandux ikun ***intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe*** Stat Membru ***għajr dak*** li fih	1. ***Applikant*** ma għandux ikun ***soġġett għal sanzjonijiet talli jkun daħal fi*** Stat Membru għajr ***l-Istat Membru*** li fih huwa ***obbligat li jkun*** preżenti ***fejn japplika l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra***.

huwa ***mitlub ikun*** preżenti ***skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament millmument li fih ikun ġie nnotifikat biddeċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali***.

Or. en

Emenda 1257
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***L-applikant*** ma għandux ikun ***intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe*** Stat Membru għajr ***dak*** li fih huwa ***mitlub ikun*** preżenti ***skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament millmument li fih ikun ġie nnotifikat biddeċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-***	1. ***Applikant*** ma għandux ikun ***soġġett għal sanzjonijiet talli jkun daħal fi*** Stat Membru għajr ***l-Istat Membru*** li fih huwa ***obbligat li jkun*** preżenti ***f'konformità mal-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.***

Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 1258
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.	1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali. ***Applikant ma għandux ikun soġġett għal sanzjonijiet talli jkun daħal fi Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih huwa obbligat li jkun preżenti jekk ikun hemm għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tiegħu.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

F'każijiet fejn applikant ikun daħal fi Stat Membru ieħor minħabba li huwa vittma tat-traffikar tal-bnedmin, u għal raġuni oħra lil hinn mill-kontroll tiegħu, l-applikazzjoni awtomatika tas-

sanzjonijiet ma għandhiex tapplika għalih.

Emenda 1259
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.	1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti ***skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament jekk ikun daħal fit-territorju ta' Stat Membru illegalment jew bl-użu ta' forza, u*** skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 1260
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli***, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]***. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.	1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 1261
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat	1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament***, inkluż*** mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat

Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.	Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat ***kif xieraq*** dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar l-Iskrinjar]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 1262
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Kwalunkwe applikant, li jkun daħal fit-territorju ta' Stat Membru illegalment, ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet tal-akkoljenza stipulati fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

Or. en

Emenda 1263
Nadine Morano

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. It-twettiq ta' moviment mhux awtorizzat mill-applikant awtomatikament jimplika n-nullità tal-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. fr

Emenda 1264
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.	2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti***, ħlief għall-applikazzjoni tal-kriterji dwar minorenni mhux akkumpanjati u membri tal-familja jew fejn in-nuqqas ta' konformità jkun il-konsegwenza ta' ċirkostanzi lil hinn mill-kontroll tal-applikant jew ikun jista' jiġi ġġustifikat oġġettivament mill-applikant***. ***Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, jiddeċiedi li jieħu r-responsabbiltà tal-applikant, sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati, b'mod partikolari, fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali skont l-Artikolu 25 ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1265
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.	2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti***, sakemm l-elementi jew l-informazzjoni ma jkunux ta' tali natura li jipprovdu evidenza kruċjali u affidabbli biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli***.

Or. en

Emenda 1266
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma ***għandhomx*** jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.	2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma ***jridux*** jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti***, ħlief għall-applikazzjoni tal-kriterji dwar minorenni mhux akkumpanjati u membri tal-familja***.

Or. en

Emenda 1267
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.	2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti***, ħlief fejn in-nuqqas ta' konformità jkun jista' jiġi ġġustifikat b'mod oġġettiv mill-applikant***.

Or. en

Emenda 1268
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ***ma għandhomx*** jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.	2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ***għandhom*** jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 1269
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri huma mħeġġa bil-qawwa biex, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali:
	(i) jikkriminalizzaw id-dħul illegali, inkluż id-dħul fl-Unjoni Ewropea bi ksur ta' ordni ta' deportazzjoni minn Stat

Membru, u jippenalizzaw lil dawk li jfittxu l-aġil li jaslu fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea mingħajr awtorizzazzjoni għad-dħul bl-impożizzjoni ta' multi u/jew priġunerija.

(ii) jistabbilixxu penali ħorox, inkluż għomor il-ħabs meta jkun iġġustifikat u proporzjonat, għat-traffikanti ta' bnedmin li jippermettu lil dawk li jfittxu l-aġil jidħlu fit-territorju ta' Stati Membri b'mezzi illeċiti.

Or. en

Emenda 1270
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 10 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. F'każ li l-applikant ma jikkooperax mal-awtoritajiet, u b'hekk tiddewwem bla bżonn il-proċedura, l-applikazzjoni tiegħu għandha tiġi rrifjutata.

Or. en

Emenda 1271
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1272
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dritt għall-informazzjoni	Dritt għall-informazzjoni ***u l-kooperazzjoni***

Or. en

Emenda 1273
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. L-Istat Membru u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru, assistiti mill-Aġenzija għall-Ażil, għandhom, mill-aktar fis possibbli, jiżguraw li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat, li beħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, jikkooperaw bis-sħiħ fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, billi jiġu infurmati li:

Or. en

Emenda 1274
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1275
Juan Ignacio Zoido Álvarez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat*** Membru***, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw*** lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10***, u b'mod partikolari***:	1. ***L-Istat*** Membru ***inkarigat mid-determinazzjoni għandu jinforma*** lill-applikant ***bil-miktub, jew bil-fomm b'lingwa li l-applikant jifhem jew li raġonevolment ikun mistenni li jifhem,*** bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10***, dwar l-għan tal-intervista personali msemmija fl-Artikolu 12, u dwar l-assistenza li l-Istat Membru jew l-organizzazzjonijiet mhux governattivi jistgħu joffru fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba. Bl-istess mod, għandu jinforma lill-applikant***:

Or. es

Emenda 1276
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti	1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti

tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u b'mod partikolari:	tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant ***f'lingwa li jifhem,*** bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, ***bl-għan tal-intervista personali, tal-għajnuna legali u ta' forom oħra ta' assistenza li jistgħu jiġu pprovduti mill-Istat Membru u organizzazzjonijiet mhux governattivi,*** u b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 1277
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ***tiegħu*** għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u b'mod partikolari:	1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru ***kif stipulat fl-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil]***, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinfurmaw lill-applikant ***f'lingwa li jifhem,*** bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 1278
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat*** Membru***, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw*** lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u ***b'mod partikolari:***	1. ***L-Istat*** Membru ***għandu jinforma*** lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u ***bl-għan tal-intervista personali msemmija fl-Artikolu 12.***

Or. en

Emenda 1279
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 ***kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10***, u b'mod partikolari:	1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9, u b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 1280
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 ***kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10***, u b'mod partikolari:	1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9, u b'mod partikolari:

Or. en

Emenda 1281
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ta' la dwar l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1282
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ***ta'*** la dwar l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-	(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant la dwar l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-

applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni;	applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni***, bl-eċċezzjoni tal-proċedura msemmija fl-Artikolu 23b***;

Or. en

Emenda 1283
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ta' ***la dwar l-Istat*** Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni;***	(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ta' ***liema Stat*** Membru ***għandu jkun*** responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***, ħlief fis-sitwazzjoni pprovduta skont it-termini stipulati fil-proċedura stabbilita fl-Artikolu 31a.***

Or. en

Emenda 1284
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ***ta' la dwar l-Istat*** Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni***;	(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ***fir-rigward tal-Istat*** Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

Or. en

Emenda 1285
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1);	***imħassar***

Or. en

Emenda 1286
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u ***l-konsegwenzi*** ta' ***applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll*** bil-konsegwenzi ta' ***tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1)***;	(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u ***bil-konsegwenzi*** ta' ***nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti jew minħabba li ma jkunx ippreżenta ruħu wara notifika mill-awtoritajiet kompetenti***;

Or. en

Emenda 1287
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4)***, b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1)***;	(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4);

Or. en

Emenda 1288
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1);	(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1)***, kif ukoll bil-konsegwenzi ta' nuqqas ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet***;

Or. en

Emenda 1289
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti ***skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1)***;	(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti ***matul il-fażijiet li fihom ikun qed jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli skont dan ir-regolament***;

Or. en

Emenda 1290
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) bil-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stipulati fl-Artikolu 10(1);

Or. en

Emenda 1291
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;	(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom***, b'mod partikolari bid-dispożizzjonijiet relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja u, f'dak ir-rigward, bid-definizzjoni applikabbli ta' membri tal-familja u qraba***;

Or. en

Emenda 1292
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;	(c) ***bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u*** bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom***, inklużi l-kriterji speċifiċi applikati mill-Istati Membri mitluba jew innotifikati fil-każ individwali***;

Or. en

Emenda 1293
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru	(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru

responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;	responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom ***inklużi l-kriterji speċifiċi applikati u l-Istati Membri li jkunu ntalbu jkunu responsabbli għall-applikant jew għat-teħid lura tiegħu fil-każ individwali***;

Or. en

Emenda 1294
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;	(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom***, inklużi l-kriterji speċifiċi applikati u l-Istati Membri mitluba jew innotifikati fil-każ individwali***;

Or. en

Emenda 1295
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;	(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom; ***inklużi l-kriterji speċifiċi applikati u l-Istati Membri mitluba jew innotifikati fil-każ individwali***

Or. en

Emenda 1296
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u ***l-obbligu li tiġi ppreżentata u ssostanzjata bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti*** malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex ***tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri*** tal-familja***, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati*** Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;	(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u ***tad-dispożizzjonijiet relatati mar-riunifikazzjoni tal-familja u, f'dak ir-rigward, tad-definizzjoni applikabbli tal-membri tal-familja u l-qraba kif ukoll tal-ħtieġa li l-applikant jiżvela*** malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex ***jiġi stabbilit fejn jinsabu l-membri*** tal-familja ***jew il-qraba preżenti fi Stati*** Membri ***oħra***, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

Or. en

Emenda 1297
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) ***bl-għan tal-intervista*** personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata ***u ssostanzjata*** bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati	(d) ***bid-dritt għal intervista*** personali skont l-Artikolu 12***, il-proċedura u l-għan tal-intervista, il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' attendenza*** u l-obbligu li tiġi ppreżentata bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta'

Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;	membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

Or. en

Emenda 1298
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata ***u ssostanzjata*** bil-fomm jew permezz tal-għoti ***ta' informazzjoni*** ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, ***kwalunkwe informazzjoni rilevanti*** li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;	(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata bil-fomm**,** jew permezz tal-għoti ta' dokumenti**, *kwalunkwe informazzjoni rilevanti*** malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

Or. en

Emenda 1299
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata ***u ssostanzjata*** bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;	(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

Or. en

Emenda 1300
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-applikant għandu jiġi infurmat li l-ħarba tiegħu tista' tippreġudika t-twettiq tal-intervista u li, fi kwalunkwe każ, huwa għandu d-dritt li jitlob li ssir l-intervista;

Or. en

Emenda 1301
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1302
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, ***kemm jista' jkun malajr fil-proċedura,*** kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;	(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti; ***L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli ppreżentati fi kwalunkwe stadju tal-proċedura, dment li dawn ikunu ġew ippreżentati qabel id-deċiżjoni finali li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli. Fil-perjodu bejn id-deċiżjoni finali u t-trasferiment reali lejn Stat Membru nominat, għandhom jitqiesu elementi rilevanti oħra pprovduti mill-applikant jekk id-dewmien biex jiġu ppreżentati jkun minħabba raġunijiet iġġustifikati.***

Or. en

Emenda 1303
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;	(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti ***kif ukoll l-informazzjoni kollha u kwalunkwe informazzjoni dwar kif wasal fl-Unjoni Ewropea mill-pajjiż ta' oriġini tiegħu u jekk għaddiex minn pajjiżi sikuri tul il-vjaġġ***;

Or. en

Emenda 1304
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) ***bl-obbligu għall-applikant li*** jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;	(e) ***bil-ħtieġa li l-applikant*** jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;

Or. en

Emenda 1305
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ea) bil-possibbiltà, skont l-Artikolu 25, li jitlob li l-klawżola diskrezzjonali tiġi applikata minn kwalunkwe Stat Membru mill-Istat Membru li fih huwa preżenti, kif ukoll bl-arranġamenti speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura;

Or. en

Emenda 1306
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) bid-dettalji ta' kuntatt ta' korpi u organizzazzjonijiet rilevanti li jistgħu joffru appoġġ fil-ġbir ta' informazzjoni meħtieġa;

Or. en

Emenda 1307
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) bl-obbligu li l-applikant jipprovdi d-data bijometrika tiegħu;

Or. en

Emenda 1308
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) bil-possibbiltà, jekk ma jinstabux rabtiet familjari jew rabtiet sinifikattivi oħra matul il-proċedura tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, li jagħmel talba bil-miktub u motivata kif xieraq biex jiġi rilokat lejn kwalunkwe Stat Membru, b'mod partikolari abbażi ta' rabtiet kulturali jew soċjali, ħiliet lingwistiċi jew rabtiet oħra li jistgħu jiffaċilitaw l-integrazzjoni tiegħu fi Stat Membru speċifiku u li ma setgħux jitqiesu taħt rabtiet sinifikattivi kif definit f'dan ir-Regolament. Dawn l-applikazzjonijiet jiġu ppreżentati mill-Istat Membru determinanti lil dawn l-Istati Membri, li jkunu jistgħu jaċċettaw ir-responsabbiltà fuq bażi volontarja;

Or. en

Emenda 1309
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(eb) bil-possibbiltà li l-applikant fis-sitwazzjoni deskritta fl-Artikolu 23a jagħżel bejn l-għaxar Stati Membri bl-inqas sehem ta' applikanti skont il-fattur ta' referenza kif imsemmi fl-Artikolu 54;

Or. en

Emenda 1310
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ec (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ec) bil-possibbiltà li l-applikant, skont l-Artikolu 31a, jagħżel bejn il-ħames Stati Membri bl-inqas sehem ta' applikanti skont il-fattur ta' distribuzzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 54 u l-possibbiltà li jirreġistra bħala grupp biex jiġu rilokati flimkien;

Or. en

Emenda 1311
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u dwar ***il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1)***;	(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u dwar ***l-eżistenza tad-drittijiet għal rimedju effettiv b'effett sospensiv awtomatiku quddiem Qorti jew Tribunal f'konformità mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, inkluż f'sitwazzjoni fejn ma tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' trasferiment***;

Or. en

Emenda 1312
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(f) bil-possibbiltà ***li*** tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u dwar il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1);	(f) bil-possibbiltà ***u l-arranġamenti biex*** tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u dwar il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1) ***kif ukoll dwar l-eżistenza tad-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal***;

Or. en

Emenda 1313
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment ***fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2)*** u dwar ***il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1)***;	(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment***, u l-arranġamenti biex isir dan,*** u dwar ***l-eżistenza tad-dritt li wieħed ikollu rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal f'konformità mal-Artikolu 33, inkluż f'sitwazzjoni fejn ma tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' trasferiment.***

Or. en

Emenda 1314
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) bil-possibbiltà li ***tiġi kkontestata*** deċiżjoni ta' trasferiment ***fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2)*** u dwar ***il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1)***;	(f) bil-possibbiltà li ***jiġu kkontestati r-rifjut ta' talba ta' teħid ta' responsabbiltà,*** deċiżjoni ta' trasferiment ***jew in-nuqqas ta' deċiżjoni ta' trasferiment,*** u dwar ***id-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal f'konformità mal-Artikolu 33***;

Or. en

Emenda 1315
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u ***dwar il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1)***;	(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u***, fejn ma tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' trasferiment, bid-dritt għal rimedju effettiv f'konformità mal-Artikolu 33***;

Or. en

Emenda 1316
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1317
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas fejn il-	(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas fejn il-

persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;	persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti; ***L-ispejjeż relatati mal-assistenza legali ma għandhomx jitħallsu direttament mill-baġit tal-Istat Membru li fih jiġu introdotti, iżda minn fondi speċifiċi tal-UE stabbiliti għal dan il-għan.***

Or. en

Emenda 1318
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas ***fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;***	(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza ***u rappreżentanza*** legali mingħajr ħlas ***fl-istadji kollha tal-proċedura. Dan id-dritt huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-applikant li jagħżel ir-rappreżentant legali tiegħu bi spejjeż għalih.***

Or. en

Emenda 1319
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;	(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali ***u lingwistika*** mingħajr ħlas ***fl-istadji kollha tal-proċedura,*** fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;

Or. en

Emenda 1320
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali ***mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti***;	(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali;

Or. en

Emenda 1321
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas ***fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti***;	(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas;

Or. en

Emenda 1322
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) L-assistenza u r-rappreżentanza legali għandhom jinkludu, mill-inqas:

(a) l-għoti ta' informazzjoni dwar il-proċedura fid-dawl taċ-ċirkostanzi individwali tal-applikant;

(b) l-assistenza fit-tħejjija tal-intervista personali u dokumenti u evidenza ta' sostenn li għandhom jingħataw bħala parti mill-intervista, inkluża l-parteċipazzjoni fl-intervista personali;

(c) spjega tar-raġunijiet għal u l-konsegwenzi ta' deċiżjoni ta' trasferiment kif ukoll informazzjoni dwar kif tista' tiġi kkontestata dik id-deċiżjoni jew kif jistgħu jiġu aċċessati rimedji f'sitwazzjonijiet fejn ma tittieħed l-ebda deċiżjoni ta' trasferiment.

(d) it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u r-rappreżentanza quddiem qorti jew tribunal

F'konformità ma' dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jiġux ristretti b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jiġix ostakolat.

Or. en

Emenda 1323
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ga) bil-possibbiltà, skont l-Artikolu 25, li jitlob li l-klawżola diskrezzjonali tiġi applikata minn kwalunkwe Stat Membru mill-Istat Membru li fih huwa preżenti, kif ukoll bl-arranġamenti speċifiċi li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura;

Or. en

Emenda 1324
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(h) li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Ażil jipproċessaw id-data personali tal-applikant inkluż għall-iskambju ta' data dwaru għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;	(h) li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Ażil jipproċessaw id-data personali tal-applikant inkluż għall-iskambju ta' data dwaru għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-Regolament; ***Dak il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac] u, b'mod partikolari, il-finijiet li għalihom, id-data ta' applikant tista' tiġi pproċessata fil-Eurodac.***

Or. en

Emenda 1325
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ja) kwalunkwe informazzjoni oħra f'konformità mal-liġi applikabbli tal-Unjoni jew tal-Istat Membru dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali

Or. en

Emenda 1326
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph

Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ***ir-rwol*** u r-responsabbiltajiet ***tar-rappreżentant*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***rappreżentant*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;	(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ***il-garanziji u d-drittijiet li huwa intitolat għalihom, inklużi dawk speċifikati fl-Artikoli 13 u 15 ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari r-rwol*** u r-responsabbiltajiet ***tal-kustodju*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***kustodju*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward***, jew l-obbligu li l-Istati Membri jissalvagwardjaw l-aħjar interess tat-tfal fi kwalunkwe ċirkostanza***;

Or. en

Emenda 1327
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-rwol u r-responsabbiltajiet ***tar-rappreżentant*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***rappreżentant*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;	(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-rwol u r-responsabbiltajiet ***tal-kustodju*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***kustodju*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 1328
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament

Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-rwol u r-responsabbiltajiet ***tar-rappreżentant*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***rappreżentant*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;	(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-rwol u r-responsabbiltajiet ***tal-kustodju*** u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra ***kustodju*** b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;

Or. en

Emenda 1329
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) fejn applikabbli, il-valutazzjoni tal-età, inkluż permezz ta' metodi mediċi stabbiliti, ta' applikant jew test tad-DNA biex tiġi ppruvata rabta familjari;

Or. en

Emenda 1330
Elissavet Vozemberg-Vrionidi

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ka) fejn applikabbli, il-valutazzjoni tal-età ta' applikant jew b'mod eċċezzjonali, test tad-DNA biex tiġi ppruvata rabta familjari;

Or. en

Emenda 1331
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) fejn applikabbli, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulati fl-Artikoli 57 u 58.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1332
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) fejn applikabbli, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulati fl-Artikoli 57 u 58.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassar billi l-Artikoli 57 u 58 jirreferu għall-proċedura speċifika għar-rilokazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali.

Emenda 1333
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(l) fejn applikabbli, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulati fl-Artikoli 57 u 58.		***imħassar***

Or. en

Emenda 1334
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
(l) fejn applikabbli, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulati fl-Artikoli 57 u 58.		***imħassar***

Or. en

Emenda 1335
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni. ***Fejn ikun neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, fejn xieraq, b'rabta mal-intervista personali kif imsemmija fl-Artikolu 12.***		***imħassar***

Emenda 1336
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ippruvduta ***bil-miktub*** f'lingwa li l-applikant jifhem ***jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem***. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ippruvduta ***fil-lingwa materna tal-applikant jew, jekk ma jkunx possibbli,*** f'lingwa li l-applikant jifhem***. Fiż-żewġ każijiet, l-informazzjoni għandha tkun ippruvduta f'forma konċiża trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi***. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni. ***L-informazzjoni għandha tkun ippruvduta bil-miktub u bil-fomm, fejn xieraq bl-appoġġ ta' tagħmir multimedjali. L-informazzjoni bil-fomm tista' tingħata f'sessjonijiet individwali jew inkella fi grupp u l-applikanti għandu jkollhom il-possibbiltà li jistaqsu mistoqsijiet dwar il-passi proċedurali li huma mistennija jsegwu fir-rigward tal-proċess li bih jiġi ddeterminat Stat Membru responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament. Fejn l-applikant ikun minorenni, l-informazzjoni għandha tkun ippruvduta b'mod adattat għat-tfal, inkluż bil-miktub kif ukoll bil-fomm, permezz ta' persunal imħarreġ b'mod xieraq u bl-involviment tal-kustodju, b'mod partikolari dwar il-proċess biex jiġu identifikati membri tal-familja jew qraba f'konformità mal-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament.***

Or. en

Emenda 1337
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem ***jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem***. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem***, f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u aċċessibbli faċilment, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi. Fir-rigward tal-minorenni u, b'mod partikolari, tal-minorenni mhux akkumpanjati, l-informazzjoni għandha tkun ipprovduta b'mod adattat għat-tfal permezz ta' persunal imħarreġ b'mod xieraq***. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni. ***L-informazzjoni għandha tingħata malli ssir l-applikazzjoni. L-informazzjoni għandha tingħata kemm bil-miktub kif ukoll bil-fomm, flimkien ma', fejn xieraq, l-appoġġ ta' tagħmir multimedjali. Tista' tingħata f'sessjonijiet individwali jew inkella fi grupp u l-applikanti għandu jkollhom il-possibbiltà li jistaqsu mistoqsijiet dwar il-passi proċedurali li huma mistennija jsegwu fir-rigward tal-proċess li bih jiġi ddeterminat Stat Membru responsabbli f'konformità ma' dan ir-Regolament. Fil-każ tal-minorenni, l-informazzjoni għandha tingħata b'mod adattat għat-tfal permezz ta' persunal imħarreġ b'mod xieraq u bl-involviment tal-kustodju.***

Or. en

Emenda 1338
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem ***jew jista' jkun raġonevolment prežunt li jifhem***. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.	2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni. ***Fejn l-applikant ikun minorenni, l-informazzjoni għandha tingħata b'mod adattat għat-tfal, inkluż bil-miktub kif ukoll bil-fomm, f'lingwa li l-minorenni jifhem.***

Or. en

Emenda 1339
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment prežunt li jifhem.*** L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.	2. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.

Or. en

Emenda 1340
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 11 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil], għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.	5. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil], għandhom jingħataw appoġġ adegwat ***inkluż żmien suffiċjenti*** sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 1388
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

5. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċjali*** skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil], għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.	5. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali ***speċifiċi*** skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Asil], għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

Or. en

Emenda 1389
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-persuna li twettaq l-intervista għandha tkun irċeviet taħriġ suffiċjenti biex tqis iċ-ċirkostanzi personali u ġenerali tal-applikant, inkluża l-oriġini kulturali, l-età, is-sess, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali, u l-vulnerabbiltà tiegħu. Il-persunal li jintervista lill-applikanti għandu jkollu wkoll għarfien ġenerali miksub ta' problemi li jistgħu jaffettwaw b'mod ħażin il-kapaċità tal-applikant li jiġi intervistat, bħal indikaturi li juru li l-persuna setgħet ġiet ittorturata jew kienet vittma ta' vjolenza abbażi ta' sess fil-passat.

Or. en

Emenda 1390
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier

Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. L-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm stabbiliti proċeduri operattivi standard xierqa sabiex ikun żgurat li jittieħdu miżuri ta' protezzjoni xierqa fir-rigward tal-applikanti li jinsabu f'riskju ta' sfruttament għall-finijiet ta' traffikar tal-bnedmin jew ta' attivitajiet ta' kriminalità organizzata oħrajn.

Or. en

Emenda 1391
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant ***jew il-konsulent*** legali ***jew konsulent*** ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess ***f'waqtu*** għat-taqsira.	6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. ***L-informazzjoni fit-taqsira għandha tiġi vverifikata mal-applikant u, fejn rilevanti, mar-rappreżentant u l-konsulent legali jew il-kunsillier, waqt l-intervista.*** Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu ***jagħmel reġistrazzjoni awdjo tal-intervista. L-Istat Membru għandu*** jiżgura li l-applikant ***u l-konsulent*** legali ***u kunsillier*** ieħor li qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess għat-taqsira ***kif ukoll għar-reġistrazzjoni awdjo mill-aktar fis possibbli wara l-intervista, u fi kwalunkwe każ qabel ma tittieħed***

deċiżjoni ta' trasferiment.

Or. en

Emenda 1392
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira ***tista' tkun jew f'għamla*** ta' rapport ***jew formola standard***. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant ***jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor*** li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess ***f'waqtu*** għat-taqsira.	6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. ***L-elementi ewlenin li għandhom jiddaħħlu fit-taqsira, għandhom, sal-aħħar tal-intervista, jiġu vverifikati mill-applikant u fejn rilevanti, mill-kustodju u/jew il-konsulent legali.*** Din it-taqsira ***għandha tieħu l-għamla*** ta' rapport***. L-Istat Membru għandu jagħmel reġistrazzjoni awdjo tal-intervista***. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant ***u/jew il-kustodju, kif ukoll il-konsulent legali*** li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess għat-taqsira ***mill-aktar fis possibbli wara l-intervista, u fi kwalunkwe każ qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' trasferiment***.

Or. en

Emenda 1393
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira	6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali ***għandu jagħmel***

bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew ***konsulent*** ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.

reġistrazzjoni awdjo tal-intervista u għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew ***kunsillier*** ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira***, u fi kwalunkwe każ qabel ma tittieħed kwalunkwe deċiżjoni dwar l-Istat Membru responsabbli jew qabel ma ssir talba għal teħid ta' responsabbiltà skont l-Artikolu 29***.

Or. en

Emenda 1394
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 12 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu ***jagħmel taqsira*** bil-miktub ***tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija*** mill-applikant ***fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard***. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess ***f'waqtu għat-taqsira***.	6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu ***jabbozza minuti*** bil-miktub***. L-elementi ewlenin li għandhom jiddaħħlu fil-minuti għandhom, sal-aħħar tal-intervista, jiġu vverifikati*** mill-applikant***, u fejn rilevanti, mill-kustodju u r-rappreżentant legali***. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess ***għall-minuti mill-aktar fis possibbli wara l-intervista, u fi kwalunkwe każ qabel ma tittieħed deċiżjoni ta' trasferiment***.

Or. en

Emenda 1395
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Garanziji għall-minorenni	Garanziji għall-minorenni ***u t-tfal***

Or. en

Emenda 1396
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun ***il-konsiderazzjoni prinċipali*** għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.	1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla ***u l-minorenni*** għandha tkun ***konsiderazzjoni importanti*** għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament***, sakemm il-minorenni ma jkunx involva ruħu f'atti ta' vjolenza fil-konfront ta' persuni jew proprjetà oħra fl-Istat Membru jew fl-Istati Membri. Jekk jitwettqu tali atti vjolenti, kwalunkwe trattament speċjali minħabba l-età jista' jiġi rrevokat fid-diskrezzjoni tal-Istat Membru responsabbli.***

Or. en

Emenda 1397
Sophia in 't Veld, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Michal Šimečka, Moritz Körner, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1398
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandha tkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 1399
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-aħjar interessi tat-tfal ***huma l-konsiderazzjoni primarja għall-Istati*** Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha previsti f'dan ir-Regolament.	1. L-aħjar interessi tat-tfal ***jiġu kkunsidrati mill-Istati*** Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha previsti f'dan ir-Regolament.

Or. fr

Emenda 1400
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-persuni li jixtiequ jibbenefikaw mill-istatus ta' minorenni jew ta' minorenni mhux akkumpanjat isirilhom test tal-għadam, maħsub biex jeskludi l-applikazzjonijiet manifestament infondati.
	Rifjut possibbli li jsir dan it-test ifisser li l-istatus ma jiġix rikonoxxut.
	Dawn id-dispożizzjonijiet ma japplikawx f'każijiet fejn l-età tal-persuna tista' tiġi ġġustifikata b'evidenza formali u inkontestabbli, bħal dokument tal-identità awtentiku.

Or. fr

Emenda 1401
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta t-tifel jew tifla jew il-minorenni mhux akkumpanjat/a ma jkollhomx dokumentazzjoni ta' identifikazzjoni leġittima li tipprova l-età tagħhom, l-Istat Membri responsabbli jista' jiddetermina l-età tal-individwu permezz ta' proċeduri mediċi approvati.

Or. en

Emenda 1402

Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Istati Membri huma mħeġġa jiżguraw it-tqegħid sikur rapidu u xieraq tat-tfal waqt li jkunu qed jistennew ir-riunifikazzjoni tal-familja u r-ritorn lejn il-pajjiżi ta' oriġini tagħhom jew it-tqegħid tagħhom fir-reġjun qrib darhom.

Or. en

Emenda 1403
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kull Stat Membru fejn minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura*** li ***jkun irrappreżentat*** u ***assistit*** minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri ***rilevanti*** previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu ***l-kwalifiki***, it-taħriġ ***u l-kompetenza*** esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti ***rilevanti*** fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku ***għal minorenni mhux akkumpanjati***.	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw*** li ***minorenni jkunu rrappreżentanti*** u ***assistiti*** minn rappreżentant ***u konsulent legali*** fir-rigward tal-proċeduri ***kollha*** previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu ***r-riżorsi, il-kwalifiki***, it-taħriġ***, il-kompetenza*** esperta ***u l-indipendenza*** sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri ***kollha*** mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti ***kollha*** fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku ***għat-tfal u għandu jinforma lit-tifel jew it-tifla dwar il-proċedura kif xieraq***. ***Ir-rappreżentant għandu jkun maħtur mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem mid-data tal-wasla u f'kull***

każ qabel il-ġbir ta' data bijometrika skont l-Artikolu [XX jew XX tar-Regolament (UE) XXXX/XX/UE [ir-Regolament Eurodac].

Or. en

Emenda 1404
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru fejn minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn ***rappreżentant*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu jkollu l-kwalifiki, it-taħriġ ***u l-kompetenza*** esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali ***rappreżentant*** għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati.	2. Kull Stat Membru fejn minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn ***kustodju*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***L-awtoritajiet responsabbli għandhom jaħtru kustodju, mill-aktar fis possibbli u qabel il-ġbir ta' data bijometrika skont l-Artikolu 10(1) jew 13(1) tar-Regolament (UE) XXXX/XX (ir-Regolament Eurodac) u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 24 siegħa wara li tkun saret l-applikazzjoni. Il-kustodju*** għandu jkollu l-kwalifiki, it-taħriġ***, il-kompetenza*** esperta ***u l-indipendenza*** sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri ***kollha*** mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali ***kustodju*** għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati.

Or. en

Emenda 1405
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kull Stat Membru fejn minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat*** u ***assistit*** minn ***rappreżentant*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu jkollu ***l-kwalifiki***, it-taħriġ ***u l-kompetenza*** esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni ***mhux akkumpanjati***.	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minorenni jkunu rrappreżentati*** u ***assistiti*** minn ***kustodju*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***Il-kustodju*** għandu jkollu ***r-riżorsi, il-kwalifiki***, it-taħriġ***, il-kompetenza*** esperta ***u l-indipendenza*** sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni***, u għandu jinforma lit-tifel jew it-tifla dwar il-proċedura***. ***Il-kustodju għandu jkun maħtur mill-aktar fis possibbli, iżda mhux aktar tard minn 5 ijiem mid-data tal-wasla u f'kull każ qabel il-ġbir ta' data bijometrika skont l-Artikoli 10, 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac].***

Or. en

Emenda 1406
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kull Stat Membru fejn minorenni*** mhux ***akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat*** u ***assistit*** minn ***rappreżentant*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu ***jkollu l-kwalifiki***, it-taħriġ u l-kompetenza	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tfal*** mhux ***akkumpanjati jkunu rrappreżentati*** u ***assistiti*** minn ***kustodju u konsulent legali*** fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. ***Dawn ir-rappreżentanti*** għandu ***jkollhom ir-riżorsi, il-kwalifiki***, it-

esperta sabiex ***jiżgura*** li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati.

taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex ***jiżguraw*** li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati***, u għandu jinforma lit-tifel jew it-tifla kif xieraq dwar il-proċedura***.

Or. en

Emenda 1407
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Kull Stat Membru fejn minorenni*** mhux ***akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat*** u ***assistit*** minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu ***l-kwalifiki***, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali ***rappreżentant*** għandu ***jkollu*** aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati.	2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-minorenni*** mhux ***akkumpanjati jkunu rrappreżentati*** u ***assistiti*** minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu ***r-riżorsi, il-kwalifiki***, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali ***rappreżentanti*** għandu ***jkollhom*** aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati***, u għandhom jinfurmaw lill-minorenni kif xieraq dwar il-proċedura***.

Or. en

Emenda 1408
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari,

Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Kull Stat Membru fejn ***minorenni*** mhux ***akkumpanjat ikun*** preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu l-kwalifiki, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal ***minorenni*** mhux akkumpanjati.	2. Kull Stat Membru fejn ***tifel jew tifla*** mhux ***akkumpanjat/a jkunu*** preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu l-kwalifiki, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal ***tfal*** mhux akkumpanjati.

Or. en

Emenda 1409
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward ***tal-minorenni***. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.	Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward ***tat-tifel jew it-tifla***. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Or. en

Emenda 1410

Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala ***rappreżentant***, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.	Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala ***kustodju***, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Or. en

Emenda 1411
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala ***rappreżentant***, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.	Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala ***kustodju***, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Or. en

Emenda 1412
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala	Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala

rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.	***kustodju***, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Or. en

Emenda 1413
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rappreżentant previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].	***Għall-fini ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-Artikolu 22*** tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].

Or. en

Emenda 1414
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rappreżentant previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].	***Il-kustodju*** previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].

Or. en

Emenda 1415
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ir-rappreżentant previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].	***Il-kustodju*** previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil].

Or. en

Emenda 1416
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Ir-rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjat*** għandu ***jkun involut*** fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu jassisti lill-minorenni ***mhux akkumpanjat/a*** biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.	***Il-kustodju*** għandu ***jirrappreżenta lill-minorenni*** fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ***u kwalunkwe dritt ieħor rikonoxxut lill-minorenni***. ***Il-kustodju*** għandu jassisti lill-minorenni biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan***, u billi jitqiesu kif xieraq l-obbligi tal-kunfidenzjalità għall-minorenni***. ***Il-kustodju għandu jiżgura li l-minorenni jkollu aċċess għall-informazzjoni, il-parir u rappreżentanza legali li jikkonċernaw il-proċeduri skont dan ir-Regolament u għandu jżomm lill-minorenni infurmat dwar il-progress fil-proċeduri skont dan***

ir-Regolament li jikkonċernawh jew jikkonċernawha.

Il-kustodju għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-minorenni inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għall-minorenni mhux akkumpanjati u l-formoli previsti mill-Artikolu 6.

Il-kustodji għandhom jirċievu taħriġ u appoġġ regolari biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 1417
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.	3. Ir-rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ***sa fejn ikun l-aktar possibbli***. Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minorenni biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan***, u billi jitqiesu kif xieraq l-obbligi tal-kunfidenzjalità għat-tifel jew it-tifla***. ***Ir-rappreżentant għandu jiżgura li l-minorenni jkollu aċċess għall-informazzjoni, il-parir u rappreżentanza legali li jikkonċernaw il-proċeduri skont dan ir-Regolament u għandu jżomm lill-minorenni infurmat dwar il-progress fil-proċeduri skont dan ir-Regolament li jikkonċernawh jew jikkonċernawha. Ir-rappreżentant għandu***

	jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-minorenni, inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għall-minorenni mhux akkumpanjati. Ir-rappreżentanti għandhom jirċievu taħriġ u appoġġ regolari biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

Or. en

Emenda 1418
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Ir-rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament.*** Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.	3. Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 1419
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Ir-rappreżentant*** ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-	3. ***Il-kustodju*** ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-

proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, ***u*** għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.

proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament ***mill-bidu tal-proċedura***. ***Il-kustodju*** għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan***, u għandu jżomm lill-minorenni infurmat dwar il-progress fil-proċeduri skont dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 1420
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Ir-rappreżentant ta' ***minorenni*** mhux ***akkumpanjat*** għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jassisti ***lill-minorenni*** mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.	3. Ir-rappreżentant ta' ***tifel jew tifla*** mhux ***akkumpanjat/a*** għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jassisti ***lit-tifel jew it-tifla*** mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 1421

Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Ir-rappreżentant*** ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. ***Ir-rappreżentant*** għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.	3. ***Il-kustodju*** ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. ***Il-kustodju*** għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.

Or. en

Emenda 1422
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-fatturi*** li ġejjin:	4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-lista mhux eżawrjenti tal-fatturi u d-drittijiet tat-tfal*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1423
Damien Carême

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-fatturi*** li ġejjin:	4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-lista mhux eżawrjenti tal-fatturi u d-drittijiet tat-tfal*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1424
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-fatturi*** li ġejjin:	4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa ***l-lista mhux eżawrjenti tal-fatturi u d-drittijiet tat-tfal*** li ġejjin:

Or. en

Emenda 1425
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin	4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin**.**

u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

Or. fr

Emenda 1426
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw ***flimkien*** mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:	4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw mill-viċin ***u jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin*** u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

Or. en

Emenda 1427
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1428
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;	(a) ***il-preservazzjoni tal-ħajja tal-familja, inklużi l-possibilitajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 1429
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;	(a) ***il-preservazzjoni tal-ħajja tal-familja, inklużi l-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 1430
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;	(a) ***il-preservazzjoni tal-ħajja tal-familja, inklużi l-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 1431
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;	(a) ***id-dritt għall-ħajja tal-familja, inklużi l-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 1432
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;	(a) ***id-dritt għall-ħajja tal-familja, inklużi l-possibbiltajiet*** ta' riunifikazzjoni tal-familja;

Or. en

Emenda 1433
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1434
Damien Carême

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi ***titqies*** b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni ***fuq perjodu qasir, medju u fit-tul***, billi ***jitqiesu*** b'mod partikolari l-oriġini ***etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika*** tal-minorenni ***u billi titqies ukoll il-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 1435
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi ***titqies*** b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni ***fuq perjodu qasir, medju u fit-tul***, billi ***jitqiesu*** b'mod partikolari l-oriġini ***etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika tiegħu u l-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja*** tal-minorenni ***u l-aċċess tiegħu għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 1436
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini ***etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika*** tal-minorenni ***u billi titqies ukoll il-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 1437
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini ***etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika*** tal-minorenni ***u billi titqies ukoll il-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni***;

Or. en

Emenda 1438
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini ***etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika*** tal-minorenni***, filwaqt li titqies***

ukoll il-ħtieġa tal-istabbiltà u l-kontinwità fl-arranġamenti għall-kura u l-kustodja u l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni;

Or. en

Emenda 1439
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri***, l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa u tal-edukazzjoni*** u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni***, inklużi l-oriġini etnika, reliġjuża, kulturali u lingwistika tiegħu u l-ħtieġa tal-istabbiltà u tal-kontinwità fil-kura tiegħu***;

Or. en

Emenda 1440
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;	(b) il-benesseri ***fiżiku u mentali*** u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;

Or. en

Emenda 1441
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari,

Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali ***tal-minorenni***, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini ***tal-minorenni***;	(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali ***tat-tfal***, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini ***tat-tfal***;

Or. en

Emenda 1442
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi t-trawma, il-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa u d-diżabilità;

Or. en

Emenda 1443
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1444
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***u, il-konsiderazzjoni li d-detenzjoni qatt mhija fl-aħjar interess tat-tfal***;

Or. en

Emenda 1445
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn ***it-tifel jew it-tifla jkunu rifuġjati jew qed ifittxu l-ażil jew fejn*** hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***jew vjolenza fil-familja***;

Or. en

Emenda 1446
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u

sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***jew vjolenza fil-familja***;

Or. en

Emenda 1447
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***jew vjolenza fil-familja***;

Or. en

Emenda 1448
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner, Abir Al-Sahlani

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***jew vjolenza fil-familja***;

Or. en

Emenda 1449
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin ***jew vjolenza fil-familja***;

Or. en

Emenda 1450
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni ***jkun vittma*** ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;	(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni ***jew it-tifel jew it-tifla jkunu vittmi*** ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;

Or. en

Emenda 1451
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi t-trawma psikofiżika, il-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa u d-diżabilità;

Or. en

Emenda 1452
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) sitwazzjonijiet ta' vulnerabbiltà, inklużi t-trawma, il-ħtiġijiet speċifiċi tas-saħħa u d-diżabilità;

Or. en

Emenda 1453
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cb) il-garanzija ta' trasferiment lil rappreżentant innominat fl-Istat Membru riċevitur;

Or. en

Emenda 1454
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt cc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(cc) il-ħtieġa li deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-minorenni jiġu trattati bi prijorità;

Or. en

Emenda 1455
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-opinjonijiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1456
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-opinjonijiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;	(d) l-opinjonijiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha ***u f'konformità mad-dritt tiegħu jew tagħha li jinstema'/tinstema'***;

Or. en

Emenda 1457
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari,

Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) l-opinjonijiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;	(d) l-opinjonijiet tal-minorenni ***jew tat-tifel jew it-tifla***, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;

Or. en

Emenda 1458
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) il-ħtieġa li deċiżjonijiet li jikkonċernaw il-minorenni jiġu trattati bi prijorità;

Or. en

Emenda 1459
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) fil-valutazzjoni tal-aħjar interessi tal-minorenni, id-dritt tal-minorenni li jinstema' jrid jiġi ggarantit għal kull tifel jew tifla kapaċi li jiffurmaw l-opinjonijiet tagħhom.

Or. en

Emenda 1460
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 1461
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn l-applikant ikun minorenni ***mhux akkumpanjat***, l-informazzjoni pprovduta ***mir-rappreżentant*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni ***mhux akkumpanjat ikun*** preżenti.	(e) fejn l-applikant ikun minorenni, l-informazzjoni pprovduta ***mill-kustodju*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni ***jkun*** preżenti.

Or. en

Emenda 1462
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn l-applikant ikun ***minorenni*** mhux ***akkumpanjat***, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn ***il-minorenni*** mhux ***akkumpanjat ikun*** preżenti.	(e) fejn l-applikant ikun ***tifel jew tifla*** mhux ***akkumpanjat/a***, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn ***it-tifel jew it-tifla*** mhux ***akkumpanjat/a jkun/tkun*** preżenti.

Or. en

Emenda 1463
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta ***mir-rappreżentant*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.	(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta ***mill-kustodju*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.

Or. en

Emenda 1464
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta ***mir-rappreżentant*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.	(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta ***mill-kustodju*** fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.

Or. en

Emenda 1465
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 4 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) il-garanzija ta' trasferiment lil kustodju nnominat fl-Istat Membru riċevitur fil-każ ta' trasferiment;

Or. en

Emenda 1466
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu	***imħassar***

ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1467
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jiżgura*** li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jikseb garanziji vvalutati skont il-każ individwali*** li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ***jew ta' nuqqas ta' trasferiment*** ta' minorenni għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni ***individwali u multidixxiplinari*** tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal ***multidixxiplinari*** bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni. ***Il-valutazzjoni multidixxiplinari għandha***

tinvolvi persunal kompetenti li jkollu kompetenza esperta fil-protezzjoni tat-tfal u l-psikoloġija u l-iżvilupp tat-tfal u għandha tinkludi wkoll, bħala minimu, il-kustodju u l-konsulent legali tal-minorenni.

Qabel it-trasferiment ta' minorenni, l-Istat Membru riċevitur għandu jaħtar kustodju mill-aktar fis possibbli, iżda f'kull każ fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol mill-konferma tad-deċiżjoni ta' trasferiment. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni dwar il-kustodju maħtur mill-Istat Membru riċevitur lill-kustodju attwali flimkien mal-arranġamenti għat-trasferiment.

Or. en

Emenda 1468
Charlie Weimers, Laura Huhtasaari, Peter Kofod

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat ***lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni,*** l-Istat Membru ***ta' trasferiment*** għandu jiżgura li ***l-Istat*** Membru ***responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-***	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat ***lejn pajjiż terz sieħeb għall-ipproċessar u l-iffaċilitar possibbli tal-protezzjoni internazzjonali,*** l-Istat Membru għandu jiżgura li ***l-individwu ma joħloq l-ebda riskju għaċ-ċittadini tal-Istat*** Membru ***sakemm ikun ġie ttrasferit lejn ċentru ta' akkoljenza ta' pajjiż terz***. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi ***taċ-ċittadini***.

konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi ***tal-minorenni***.

Or. en

Emenda 1469
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar ***dawn il-fatturi*** għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ***ssir malajr minn*** persunal ***bil-kwalifiki u l-kompetenza*** esperta ***sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni***.	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jikseb garanziji individwali biex*** jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ***jew ta' nuqqas ta' trasferiment*** ta' minorenni għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar ***kull wieħed mill-fatturi*** għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni ***multidixxiplinari*** għandha ***tinvolvi*** persunal ***kompetenti bil-kompetenza*** esperta ***fid-drittijiet, il-psikoloġija u l-iżvilupp tat-tfal u għandha tinvolvi, bħala minimu, il-kustodju u l-konsulent legali***

jew il-kunsillier tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1470
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli ***jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni***, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli ***jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni*** jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1471
Nadine Morano

Proposta għal regolament

Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. ***Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet*** tal-valutazzjoni ***dwar dawn il-fatturi*** għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. ***Il-konklużjonijiet*** tal-valutazzjoni għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. fr

Emenda 1472
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li

l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien***, u jaħtar kustodju***. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1473
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jikseb garanziji individwalizzati biex*** jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe

mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni ***individwali*** tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1474
Maria Walsh, Deirdre Clune, Seán Kelly, Frances Fitzgerald, Colm Markey

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jiżgura*** li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu ***jiggarantixxi*** li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni

kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1475
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni ***mhux akkumpanjat*** għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.	5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni ***individwali*** tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1476

Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat/a ***ikun irreġistra*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.	6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni ***jew it-tifel jew it-tifla*** mhux akkumpanjat/a ***jkun/tkun irreġistra/irreġistrat*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni ***jew it-tifel jew it-tifla*** mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Emenda 1477
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat/a ***ikun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.	6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn ***minorenni*** mhux akkumpanjat/a ***jkun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Emenda 1478
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni ***mhux akkumpanjat/a ikun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni ***mhux akkumpanjat/a*** fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.	6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni ***jkun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Emenda 1479
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat/a ***ikun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, ***kemm jista' jkun malajr***, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.	6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat/a ***jkun*** irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, ***immedjatament***, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Emenda 1480
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.	Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn***, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġi protett l-aħjar interess tiegħu jew tagħha***. ***F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew tal-qraba stretti tiegħu jew tagħha, b'mod partikolari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, wieħed irid jieħu ħsieb li jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali, biex jiġi evitat li s-sikurezza tagħhom titqiegħed fil-periklu.* Or. en

Emenda 1481
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet	Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet

bħal dawn.	bħal dawn***, mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġi protett l-aħjar interess tiegħu jew tagħha***. ***F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba stretti tiegħu jew tagħha, b'mod partikolari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, wieħed irid jieħu ħsieb li jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali, biex jiġi evitat li s-sikurezza tagħhom titqiegħed fil-periklu.***
	Or. en

Emenda 1482
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.	Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn ***mill-aktar fis possibbli wara li tkun saret applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, filwaqt li jiġu protetti l-aħjar interessi l-oħra tiegħu***. ***F'każijiet fejn jista' jkun hemm theddida għall-ħajja jew l-integrità tal-minorenni jew il-qraba stretti tiegħu jew tagħha, b'mod partikolari jekk huma baqgħu fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom, wieħed irid jieħu ħsieb li jiġi żgurat li l-ġbir, l-ipproċessar u ċ-ċirkolazzjoni ta' informazzjoni dwar dawk il-persuni jsiru fuq bażi kunfidenzjali, biex jiġi evitat li s-sikurezza tagħhom titqiegħed fil-periklu.***
	Or. en

Emenda 1483
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.	Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni ***inkluż it-taħriġ dwar id-drittijiet tat-tfal u l-psikoloġija u l-iżvilupp tat-tfal. Tali taħriġ għandu jinkludi wkoll moduli dwar il-valutazzjoni tar-riskju u jiffoka fuq il-kura u l-protezzjoni skont il-bżonnijiet individwali tal-minorenni, b'enfasi speċifika fuq l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u tal-abbużi, kif ukoll taħriġ fil-qasam tal-aħjar prattiki biex ikun evitat l-għajbien.***

Or. en

Emenda 1484
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.	Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni***, inkluż it-taħriġ dwar id-drittijiet tat-tfal u l-***

psikoloġija u l-iżvilupp tat-tfal**. **Tali taħriġ għandu jinkludi wkoll moduli dwar il-valutazzjoni tar-riskju u jiffoka fuq il-kura u l-protezzjoni skont il-bżonnijiet individwali tal-minorenni, b'enfasi speċifika fuq l-identifikazzjoni bikrija tal-vittmi tat-traffikar tal-bnedmin u tal-abbużi, kif ukoll taħriġ fil-qasam tal-aħjar prattiki biex ikun evitat l-għajbien.

Or. en

Emenda 1485
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Michal Šimečka, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.	Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni ***u l-identifikazzjoni ta' vulnerabbiltajiet jew trawma***.

Or. en

Emenda 1486
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni ***mhux akkumpanjati*** għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward	Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet

il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.	speċifiċi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1487
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 6 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni ***mhux akkumpanjati*** għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.	Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1488
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni ***li jinkludu*** forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni ***tingħata s-setgħa li*** tadotta ***atti delegati f'konformità mal-Artikolu 68 dwar:***
	(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba;
	(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza

ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni***, tistabbilixxi*** forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1489
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti*** ta' implimentazzjoni li ***jinkludu*** forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. ***Dawk l-atti*** ta' implimentazzjoni ***għandhom jiġu adottati*** skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta ***atti delegati***
	(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba;
	(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi.
	Il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li ***jistabbilixxi*** forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. ***Dak l-att*** ta' implimentazzjoni ***għandu jiġi adottat*** skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1490
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux ***akkumpanjat*** li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni ***jew tat-tifel jew it-tifla*** mhux ***akkumpanjat/a*** li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1491
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni ***mhux akkumpanjat*** li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti	7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti

ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1492
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE
	1. Bil-għan li tappoġġa r-rilokazzjoni obbligatorja stabbilita f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha taħtar Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE, li jaġixxi bħala punt ta' kuntatt, sabiex jikkoordina l-attivitajiet ta' rilokazzjoni mill-Istat Membru benefiċjarju għall-Istati Membri kontributuri li jimplimentaw l-obbligi tagħhom imsemmija fl-Artikoli 14, 45, 51.
	2. Il-Koordinatur tar-Rilokazzjoni tal-UE għandu:
	(a) jikkoordina u jappoġġa l-komunikazzjoni bejn l-Istati Membri involuti;
	(b) iżomm rendikont tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni, u segwitu fuq ir-rilokazzjonijiet li jkunu għaddejjin, u fuq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri involuti;
	(c) jorganizza, f'intervalli regolari, laqgħat bejn l-awtoritajiet tal-Istat Membru benefiċjarju, u l-Istati Membri kontributuri, biex jiġu stabbiliti l-ħtiġijiet, inkluż f'livell operazzjonali, sabiex jiġu ffaċilitati l-aħjar interazzjoni u

kooperazzjoni fost l-Istati Membri, fl-interess tal-persuni eliġibbli għar-rilokazzjoni u l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' rilokazzjoni obbligatorju;

(d) jippromwovi l-aħjar prattiki fil-qasam tar-rilokazzjoni.

Or. en

Emenda 1493
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 13a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 13a
	Spejjeż tal-akkoljenza
	1. L-ispejjeż tal-akkoljenza ta' applikant appoġġat mill-Istat Membru determinanti, miż-żmien meta tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sat-trasferiment tal-applikant lejn l-Istat Membru responsabbli, jew sakemm l-Istat Membru determinanti jassumi responsabbiltà għall-applikant, għandhom jiġu rimborżati mill-baġit ġenerali tal-Unjoni kif previst skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament 2021/1147 [Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni].
	2. Għall-finijiet tal-ewwel paragrafu, l-Istati Membri għandhom jikkonformaw mad-Direttiva XXX/XXX [id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza].

Or. en

Emenda 1494
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs

Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
14 Ġerarkija ta' kriterji	14 Ġerarkija ta' kriterji ***mal-wasla u l-iżbark, inkluż wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ***

Or. en

Emenda 1495
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma ddikjarati ***f'dan il-Kapitolu***.	1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma ddikjarati ***fil-Kapitolu II***.

Or. en

Emenda 1496
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli ***skont il-kriterji stabiliti f'dan il-Kapitlu*** għandu jkun ***determinat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ta' kisba meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata għall-ewwel darba għand Stat***	2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun ***l-Istat*** Membru ***tal-ewwel dħul***.

Membru.

Or. en

Emenda 1497
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn ikun stabbilit, abbażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz jew fejn ċittadini ta' pajjiżi terzi japplikaw għal protezzjoni internazzjonali fil-punti tal-qsim esterni tal-fruntiera jew f'żoni ta' tranżitu u ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul stipulati fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399, dak l-Istat Membru tal-ewwel dħul għandu japplika l-proċedura tal-iskrinjar skont ir-Regolament XXX/XXX.

Or. en

Emenda 1498
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Fejn ma jkunx possibbli li jiġi

ddeterminat l-Istat Membru responsabbli abbażi tal-kriterji l-oħra stabbiliti f'dan il-Kapitolu, l-Istat Membru responsabbli għandu jiġi ddeterminat abbażi tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà awtomatiku stabbilit fil-Kapitolu I tal-Parti IV.

Or. it

Emenda 1499
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Artikoli 20a u 20b ma japplikawx jekk l-applikant ikun wasal qabel, b'mod irregolari, fi Stat Membru ieħor.

Or. en

Emenda 1500
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2b. Dak l-Istat Membru, assistit mill-Aġenzija għall-Ażil, għandu jorganizza, mal-wasla jew wara l-iżbark, inkluż wara operazzjonijiet u attivitajiet ta' tiftix u salvataġġ, intervista mal-applikant sabiex jiġu identifikati r-rabtiet sinifikattivi tiegħu ma' Stat Membru wieħed jew aktar inkluż dak tal-wasla. L-applikant għandu d-dritt li jiġi infurmat u li jikkoopera f'konformità mal-Artikolu 11 ta' dan ir-

Regolament.

Or. en

Emenda 1501
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2c. L-Istat Membru li miegħu l-applikant għandu rabtiet sinifikattivi għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Jekk il-persuna jkollha rabtiet sinifikattivi ma' aktar minn Stat Membru wieħed, l-applikant jista' jesprimi preferenza. Altrimenti, l-Istat Membru responsabbli jiġi ddeterminat b'rabta mal-inqas numru ta' applikazzjonijiet li jkunu waslu fir-rigward tas-sehem ġust ikkalkulat skont l-Artikolu 54.

Or. en

Emenda 1502
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2d (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2d. L-Istat Membru tad-dħul, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija għall-Ażil, għandu jinforma lill-applikant dwar id-determinazzjoni u l-arranġamenti tat-trasferiment lejn l-Istat Membru

responsabbli għall-eżami, f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1503
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 14 – paragrafu 2e (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2e. Jekk ma tiġi stabbilita l-ebda rabta sinifikattiva ma' Stat Membru jew ma jkun applikabbli l-ebda kriterju elenkat f'dan il-Kapitolu, għandha tapplika l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 45 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 1504
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 1505
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Minorenni ***mhux akkumpanjati***	Minorenni

Or. en

Emenda 1506
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Meta minorenni jkun akkumpanjat minn ġenitur wieħed, ħutu adulti jew adult li jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur għall-minorenni, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, u ġenitur wieħed jew adult ieħor li jkollu r-responsabbiltà ta' ġenitur għall-minorenni, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, ikun preżenti legalment fi Stat Membru, id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għandha tkun ibbażata fuq l-objettiv li tiġi prijoritizzata l-unità tal-familja, filwaqt li jitqies l-aħjar interess tat-tifel jew it-tifla.

Or. en

Emenda 1507
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Yana Toom, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.	2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti. ***F'xenarju fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ taħt l-età ta' 16-il sena, l-Istat Membru responsabbli għandu xorta jkun l-Istat Membru fejn il-missier, l-omm jew adult mhux konjuġi ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħuh jew oħtu jkunu legalment preżenti, irrispettivament minn jekk il-konjuġi adult tal-minorenni jkun legalment preżenti jew le fi Stat Membru.***
	Or. en

Emenda 1508
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun ***legalment*** preżenti, ***sakemm ma jintweriex li*** dan ***ma jkunx*** fl-aħjar interessi tal-minorenni. ***Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-***	2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti, ***jekk*** dan ***ikun*** fl-aħjar interessi tal-minorenni.

territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.

Or. en

Emenda 1509
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, ***sakemm ma jintweriex li*** dan ***ma jkunx*** fl-aħjar ***interessi*** tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni ***miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri***, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.	2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, ***jekk*** dan ***ikun*** fl-aħjar ***interess*** tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, ***in-nannu/a*** jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.

Or. en

Emenda 1510
Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, ***sakemm ma jintweriex li*** dan ***ma jkunx*** fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.	2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, ***jekk*** dan ***ikun*** fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti.

Or. en

Emenda 1511
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi adult tiegħu jkun legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istat Membru fejn il-konjuġi adult ikun legalment preżenti, sakemm l-applikant jesprimi x-xewqa tiegħu għal tali riunifikazzjoni bil-miktub. Fejn ma jiġux issodisfati tali kundizzjonijiet, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħuh jew oħtu jkunu legalment preżenti. ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament, abbażi ta' valutazzjoni individwali, minorenni***

	għandu jitqies mhux miżżewweġ jekk iż-żwieġ tiegħu/tagħha ma jkunx f'konformità mad-dritt nazzjonali rilevanti li kieku ġie kkuntrattat fl-Istat Membru kkonċernat, b'mod partikolari meta tiġi kkunsidrata l-età legali taż-żwieġ.

Or. en

Emenda 1512
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn l-applikant għandu qarib li huwa legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu/ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm ***ma jintweriex li*** dan ***ma jkunx*** fl-aħjar interessi tal-minorenni.	3. Fejn l-applikant għandu qarib li huwa legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm dan ***ikun*** fl-aħjar interessi ***tal-tifel jew it-tifla. Kwalunkwe deċiżjoni dwar l-Istat Membru responsabbli għandha tkun ippreċeduta minn valutazzjoni multidixxiplinari tal-aħjar interessi*** tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1513
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn l-applikant għandu qarib li huwa ***legalment*** preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami	3. Fejn l-applikant għandu qarib li huwa preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali,

individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu/ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni.	li l-qarib jista' jieħu ħsiebu/ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1514
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux ***akkumpanjat għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jintweriex li*** dan ***ma jkunx*** fl-aħjar interess ***tal-minorenni***.	5. Fl-assenza ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***it-tifel jew it-tifel*** mhux ***akkumpanjat/a jkun/tkun preżenti dment li*** dan ***ikun*** fl-aħjar interess ***tat-tifel jew it-tifla***.

Or. en

Emenda 1515
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jintweriex li	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ikun preżenti l-minorenni*** mhux akkumpanjat ***wara li jkun ippreżenta applikazzjonijiet*** għall-protezzjoni internazzjonali ***f'aktar minn Stat Membru***

dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	***wieħed***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1516
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat ***għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat ***jkun preżenti***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1517
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat ***għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat ***jkun preżenti***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1518
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat ***għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat ***jkun preżenti***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1519
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak ***fejn ġiet irreġistrata l-applikazzjoni*** tal-minorenni mhux akkumpanjat għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni***.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak ***tad-dħul*** tal-minorenni mhux akkumpanjat ***fit-territorju tal-Istat Membru jew fejn ġiet irreġistrata għall-ewwel darba l-applikazzjoni tiegħu*** għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1520

Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat ***għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, ***jew l-applikazzjoni tal-Artikolu 25,*** l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat ***jkun preżenti***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1521
Hilde Vautmans, Fabienne Keller, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Moritz Körner

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni*** mhux akkumpanjat ***għall-protezzjoni internazzjonali***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.	5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ***il-minorenni*** mhux akkumpanjat ***jkun preżenti***, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

Or. en

Emenda 1522
Charlie Weimers

Proposta għal regolament

Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 dwar:	***imħassar***
(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati;	
(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;	
(c) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed;	
Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4).	

Or. en

Emenda 1523
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 dwar:	***imħassar***
(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati;	
(b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza	

ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;

(c) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed;

Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4).

Or. en

Emenda 1524
Nadine Morano

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati;	(a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati***, kif ukoll il-valutazzjoni tal-età ta' dawn tal-aħħar***;

Or. fr

Emenda 1525
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux	***imħassar***

akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed;

Or. en

Emenda 1526
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4).	Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4) ***u għandha tikkonsulta ma' esperti rilevanti inklużi NGOs għad-drittijiet tat-tfal***.

Or. en

Emenda 1527
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4).	Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4) ***u għandha tikkonsulta ma' esperti fil-qasam tad-drittijiet tat-tfal***.

Or. en

Emenda 1528
Caterina Chinnici, Javier Moreno Sánchez

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha, ***permez*** ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	7. Il-Kummissjoni għandha, ***permezz*** ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. ***L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippromwovu l-kapaċità tal-kustodju u tal-fornitur tal-assistenza legali li jfittxu assistenza fi Stat ieħor sabiex jiksbu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-arranġamenti tal-akkoljenza u l-kura fil-pajjiż l-ieħor jew il-possibbiltajiet tar-riunifikazzjoni tal-familja. Dan jista' jinvolvi kuntatt ma' awtoritajiet ta' kustodja u informazzjoni dwar l-aċċess għall-assistenza legali fil-każ tal-ħtieġa ta' appell. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni bejn il-kustodji u l-fornituri tal-assistenza legali bejn l-Istati f'każ li jkun qed jiġi kkontemplat jew implimentat it-trasferiment ta' tifel jew tifla mhux akkumpanjat/a, inkluż li tiġi prevista l-kondivižjoni tal-informazzjoni dwar it-tifel jew it-tifla, bil-kunsens infurmat tat-tifel jew it-tifla.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1529
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha, ***permez*** ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	7. Il-Kummissjoni għandha, ***permezz*** ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. ***L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippromwovu l-kapaċità tal-kustodju u tal-fornitur tal-assistenza legali li jfittxu assistenza fi Stat ieħor sabiex jiksbu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-arranġamenti tal-akkoljenza u l-kura fil-pajjiż l-ieħor jew il-possibbiltajiet tar-riunifikazzjoni tal-familja. Dan jista' jinvolvi kuntatt ma' awtorità ta' kustodja u informazzjoni dwar l-aċċess għall-assistenza legali fil-każ tal-ħtieġa ta' appell. L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni bejn il-kustodji u l-fornituri tal-assistenza legali bejn l-Istati f'każ li jkun qed jiġi kkontemplat jew implimentat it-trasferiment ta' minorenni, inkluż li tiġi prevista l-kondivižjoni tal-informazzjoni dwar il-minorenni, bil-kunsens infurmat tal-minorenni.*** Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

Or. en

Emenda 1530
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu	7. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kondizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. ***L-atti ta' implimentazzjoni għandhom***

adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).	***jippromwovu l-kapaċità tal-kustodju u tal-fornitur tal-assistenza legali li jfittxu assistenza fi Stat ieħor sabiex jiksbu informazzjoni dwar iċ-ċirkostanzi tal-arranġamenti tal-akkoljenza u l-kura fil-pajjiż l-ieħor jew il-possibbiltajiet tar-riunifikazzjoni tal-familja.***
	L-atti ta' implimentazzjoni għandhom jippromwovu u jiffaċilitaw ukoll il-kooperazzjoni bejn il-kustodji u l-fornituri tal-assistenza legali bejn l-Istati f'każ li jkun qed jiġi kkontemplat jew implimentat it-trasferiment ta' tifel jew tifla mhux akkumpanjat/a, inkluż li tiġi prevista l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar it-tifel jew it-tifla, bil-kunsens infurmat tat-tifel jew it-tifla.
	Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).
	Or. en

Emenda 1531
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Membri tal-familja li huma benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali	
Fejn l-applikant għandu membru tal-familja li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	
	Or. en

Emenda 1532
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 16	***imħassar***
Membri tal-familja li huma benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali	
Fejn l-applikant għandu membru tal-familja li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	

Or. en

Emenda 1533
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
16 Membri tal-familja li ***huma benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali***	16 Membri tal-familja li ***jirrisjedu legalment fi Stat Membru***

Or. en

Emenda 1534
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Membri tal-familja li ***huma benefiċarji tal-protezzjoni internazzjonali***	Membri tal-familja li ***jirrisjedu legalment fi Stat Membru***

Or. en

Emenda 1535
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Membri tal-familja li ***huma benefiċarji tal-protezzjoni internazzjonali***	Membri tal-familja li ***jirrisjedu legalment fi Stat Membru***

Or. en

Emenda 1536
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant għandu membru tal-familja ***li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	Fejn l-applikant għandu membru tal-familja***, irrispettivament minn jekk il-familja kinitx iffurmata qabel fil-pajjiż ta' oriġini jew le, li jirrisjedi legalment*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1537
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant għandu membru tal-familja ***li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	Fejn l-applikant għandu membru tal-familja***, irrispettivament minn jekk il-familja kinitx iffurmata qabel fil-pajjiż ta' oriġini jew le, li jirrisjedi legalment*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1538
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn l-applikant għandu membru tal-familja li ***kien tħalla*** jirrisjedi ***bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	Fejn l-applikant għandu membru tal-familja li jirrisjedi ***legalment*** fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1539
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 17	***imħassar***
Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali	
Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	

Or. en

Emenda 1540
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1541
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta ***għall-ewwel*** deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.	Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta ***għal*** deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Or. en

Emenda 1542
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 18	***imħassar***
Il-proċedura tal-familja	
Fejn diversi membri ta' familja jissottomettu applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-istess Stat Membru b'mod simultanju, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jsiru flimkien, u fejn l-	

applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament tista' twassal biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat kif ġej:

(a) ir-responsibbiltà biex jiġu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għall-membri tal-familja kollha għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu r-responsibbiltà tal-akbar numru tagħhom;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

Or. en

Emenda 1543
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fejn diversi membri ta' familja jissottomettu applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-istess Stat Membru b'mod simultanju, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jsiru flimkien, u fejn l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament tista' twassal biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat kif ġej:	***imħassar***
(a) ir-responsibbiltà biex jiġu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għall-membri tal-familja kollha għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu r-responsibbiltà tal-akbar numru	

tagħhom;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

Or. en

Emenda 1544
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet ta' familja huwa mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' applikant li jressaq applikazzjoni b'mod individwali.

Or. en

Emenda 1545
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 19	***imħassar***
Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża	
1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni	

internazzjonali.

2. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

3. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jassumuha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:

(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perijodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar tard id-data ta' skadenza;

(b) fejn il-viżi varji huma tal-istess tip, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard;

(c) fejn il-viżi huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perjodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard.

4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn tliet snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew assunta jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew

invalidi m'għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża ma għandux ikun responsabbli jekk ikun jista' jistabbilixxi li l-frodi twettqet wara li jkun inħareġ id-dokument jew il-viża.

Or. en

Emenda 1546
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***Dik ir-responsabbiltà għandha tieqaf wara li l-applikant jitlaq mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument ta' residenza.***

Or. pl

Emenda 1547
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ***ir-responsabbiltà biex***	Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu ***jew skadut*** jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ***l-applikant***

jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jassumuha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:	***għandu jkun jista' jagħżel l-Istat Membru fejn irid jiġi ttrasferit;***

Or. en

Emenda 1548
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perijodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar tard id-data ta' skadenza;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1549
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fejn il-viżi varji huma tal-istess tip, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard;	***imħassar***

Or. en

Emenda 1550
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) fejn il-viżi huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perjodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1551
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn tliet snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1552
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn ***tliet snin*** qabel ma l-	4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar ***li jkunu skadew inqas minn 6 xhur qabel ma tkun ġiet irreġistrata l-***

applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.	***applikazzjoni*** jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn ***sentejn*** qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

Or. en

Emenda 1553
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn ***tliet*** snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.	4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn ***ħames*** snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

Or. en

Emenda 1554
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew ***inqas minn tliet snin*** qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.	4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

Or. en

Emenda 1555
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew assunta jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi m'għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża ma għandux ikun responsabbli jekk ikun jista' jistabbilixxi li l-frodi twettqet wara li jkun inħareġ id-dokument jew il-viża.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1556
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 19a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 19a
	Permanenza preċedenti
	Jekk l-applikant ikun irrisjeda legalment għal mill-inqas sentejn fi Stat Membru b'permess ta' residenza validu, l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1557
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
Diplomi jew kwalifiki oħra	
1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	
2. Fejn l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-diploma jew il-kwalifika wara l-itwal perjodu ta' studju jew, fejn il-perjodi ta' studju jkunu identiċi, mill-Istat Membru li fih ikunu nkisbu l-aktar diploma jew kwalifika riċenti.	

Or. en

Emenda 1558
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 20	***imħassar***
Diplomi jew kwalifiki oħra	
1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	
2. Fejn l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-diploma jew il-kwalifika wara l-itwal perjodu ta' studju jew, fejn il-perjodi ta' studju jkunu identiċi, mill-Istat Membru li fih ikunu nkisbu l-aktar diploma jew kwalifika riċenti.	

Or. en

Emenda 1559
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru ***u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji***	1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***F'dan il-***

tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***kuntest, istituzzjoni edukattiva tfisser kwalunkwe tip ta' istituzzjoni edukattiva rikonoxxuta jew ikkunsidrata bħala tali f'konformità mal-liġi nazzjonali li, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, toffri lawrji ta' edukazzjoni rikonoxxuti jew kwalifiki rikonoxxuti oħra, irrispettivament mill-isem ta' tali stabbiliment, jew kwalunkwe istituzzjoni li, f'konformità mal-liġi jew il-prattika nazzjonali, toffri edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali.***

Or. en

Emenda 1560
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Malik Azmani

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. ***It-taħriġ online jew forom oħra ta' tagħlim mill-bogħod ma għandhomx jitqiesu bħala rilevanti.***

Or. en

Emenda 1561
Abir Al-Sahlani, Fabienne Keller, Yana Toom, Hilde Vautmans, Jan-Christoph Oetjen, Moritz Körner, Sophia in 't Veld

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni ***jew ċertifikat ta' kompetenza vokazzjonali*** stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1562
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 20 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Fejn l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ***ir-responsabbiltà*** għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-diploma jew il-kwalifika wara l-itwal perjodu ta' studju jew, fejn il-perjodi ta' studju jkunu identiċi, mill-Istat Membru li fih ikunu nkisbu l-aktar diploma jew kwalifika riċenti***.	2. Fejn l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ***l-applikant għandu jkun jista' jagħżel l-Istat Membru fejn jixtieq jiġi ttrasferit u jkun responsabbli*** għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1563
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik

Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20a
	Dħul b'rinunzja għall-viża
	Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-UE minn Stat Membru li fih il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn tliet snin wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

Or. en

Emenda 1564
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 20b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 20b
	Applikazzjoni għal żona ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport
	Meta l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ssir fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

Or. en

Emenda 1565
Laura Ferrara, Sabrina Pignedoli

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Dħul	
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	
2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.	
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni	

internazzjonali.

Or. it

Emenda 1566
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Dħul	
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	
2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.	
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru	

ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1567
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Birgit Sippel, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Dħul	
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	
2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.	
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi	

msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1568
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Dħul	
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	
2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara	

operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1569
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 21	***imħassar***
Dħul	
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun	

seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1570
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar	***imħassar***

minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

Or. en

Emenda 1571
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali ***kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac],*** li applikant ikun qasam b'mod ***irregolari*** l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex ***jeżamina*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali***. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini***.	1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali li applikant ikun qasam b'mod ***illegali*** l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex ***jirrifjuta*** l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ***u jirritorna l-applikant***.

Or. en

Emenda 1572
Elissavet Vozemberg-Vrionidi, Juan Ignacio Zoido Álvarez, Loucas Fourlas

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li	1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li

jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**.** Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali**.** Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn ***12-il xahar*** wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

Or. en

Emenda 1573
Jadwiga Wiśniewska, Joachim Stanisław Brudziński, Patryk Jaki, Beata Kempa
f'isem il-Grupp ECR

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.	1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn ***sena*** wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

Or. pl

Emenda 1574
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod ***irregolari*** l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, ***l-ewwel Stat*** Membru ***li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini***.	1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament tal-Eurodac], li applikant ikun qasam b'mod ***illegali*** l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, ***l-applikant jista' jiġi rritornat lejn il-pajjiż terz inkwistjoni jew il-pajjiż ta' oriġini tal-applikant. L-Istati Membri mhumiex obbligati li jikkunsidraw applikazzjoni għall-ażil fejn l-applikant ikun daħal b'mod illegali fl-Istat*** Membru ***inkwistjoni***.

Or. en

Emenda 1575
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1576
Charlie Weimers

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1577
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera.	***imħassar***

F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1578
Balázs Hidvéghi, Loránt Vincze

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 1579
Nicola Procaccini

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi	***imħassar***

msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1580
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.	3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw ***jekk japplika l-Artikolu 25 jew*** jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-data li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament Eurodac], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera. F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Or. en

Emenda 1581
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament

Artikolu 21a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 21a
	Meta, minkejja r-rekwiżit legali stipulat mir-Regolament, ċittadin ta' pajjiż terz jiżbarka fit-territorju Ewropew wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn organizzazzjoni privata, l-Istat Membru responsabbli għar-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni għandu jkun dak li pprovda permess ta' navigazzjoni għall-bastiment tal-iżbark.

Or. en

Emenda 1582
Pietro Bartolo, Sylvie Guillaume, Juan Fernando López Aguilar, Bettina Vollath, Javier Moreno Sánchez, Domènec Ruiz Devesa, Giuliano Pisapia, Elena Yoncheva, Thijs Reuten, Franco Roberti, Cyrus Engerer, Caterina Chinnici

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Dħul b'rinunzja għall-viża	
Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn tliet snin wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.	

Or. en

Emenda 1583
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Dħul b'rinunzja għall-viża	
Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn tliet snin wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 20a.

Emenda 1584
Nicolaus Fest, Jaak Madison, Bernhard Zimniok, Gunnar Beck, Tom Vandendriessche, Peter Kofod, Roman Haider, Georg Mayer, Harald Vilimsky, Laura Huhtasaari, Philippe Olivier

Proposta għal regolament
Artikolu 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 22	***imħassar***
Dħul b'rinunzja għall-viża	
Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun	

irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn tliet snin wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

Or. en

Emenda 1585
Cornelia Ernst, Konstantinos Arvanitis, Sira Rego, Pernando Barrena Arza, Malin Björk, Miguel Urbán Crespo, Anne-Sophie Pelletier

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.	Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ***skont l-Artikolu 1(1) tal-Konvenzjoni tal-1954 dwar l-Istatus ta' Persuni Apolidi,*** jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***sena*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

Or. en

Emenda 1586
Damien Carême

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.	Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***sena*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

Or. en

Emenda 1587
Annalisa Tardino

Proposta għal regolament
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***tliet snin*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.	Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn ***sena*** wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

Or. en

Emenda 1588
Fabienne Keller, Hilde Vautmans, Olivier Chastel, Jan-Christoph Oetjen, Malik Azmani, Sophia in 't Veld, Karen Melchior

Proposta għal regolament
Artikolu 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Artikolu 23	***imħassar***
Applikazzjoni għal żona ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport	
Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ssir fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tmexxa għall-Artikolu 20b.